# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Settembru 2021**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 498/21 JVC**

**Yoseph Tesfaldet Keleta (KI: 0041722A) u Deborah Tesfaldet Keleta (KI: 0002585G)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Yoseph Tesfaldet Keleta et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi s-Sur Yoseph Tesfaldet Keleta, ta' nazzjonalita Eritreana, wasal Malta fis-17 ta' Lulju tas-sena 2006;

2. Illi mal-wasla tieghu, kif inhi s-soltu prassi, l-Ufficcju tal-Kummissarju tar-Refugjati ghamlet l-intervista inizjali sabiex l-esponenti Yoseph Tesfaldet Keleta, jkun jista japplika ghal ezilju u sussegwentament tali intervista saret fid-9 ta' Awwissu tas-sena 2007, kopja hawn annessa u mmarkata bhala DOK JTK1;

3. Illi f'din l-intervista hawn annessa u mmarkata bhala DOK JTK1, il-kunjom tal-esponenti gie mnizzel b'mod zbaljat bhala 'Tesfaldet Keleta' u mhux solament bhala 'Keleta' u dan nonostante l-fatt li l-istess esponenti kien gharraf, dak il-hin stess, lill-istess Ufficcju tal-Kummissarju tar-Refugjati li kien hemm zbalji fl-intervista tieghu fejn apparti kunjomu kien hemm ukoll zball fil-post tat-twelid tieghu u id-data tat-twelid tieghu mhiex specifikata, ossia ghalkemm hemm ix-xahar u s-sena, il-gurnata mhiex specifikata;

4. Illi qieghed jinghad ukoll illi, rigwardanti d-data tat-twelid tal-esponenti Yoseph, originarjament d-data tat-twelid, fuq il-karta tal-identita tieghu, kienet 1 ta' Settembru 1981 *(hawn anness bhala DOK JTK OLDID)* li hija hazina, u meta dan l-ahhar mar igedded il-Karta tal-identita tieghu, minghajr ma qal xejn, id-data tat-twelid giet mnizzla bhala 15 ta' Settembru 1981 *(hawn annessa bhala DOK JTK 5).* Ghal kull buon fini qieghed jinghad illi d-data tat-twelid propju tal-esponenti Yoseph huwa s-16 ta' Settembru 1981;

5. Illi dan l-izball fil-kunjom kien zball ta' kommunikazzjoni bejn l-ufficcjali li ghamlu l-intervista u l-esponenti Yoseph Keleta minhabba differenzi fil-lingwi u mhux tort tal-intimat Direttur;

6. Illi il-post tat-twelid tal-esponenti Yoseph Tesfaldet Keleta huwa mnizzel, fl-intervista li hi hawn annessa u mmarkata bhala DOK JTK1, bhala South Arabia, u mhux kif suppost qieghed, ossia Saudia Arabia. Ghal kull buon fini qieghed jinghad illi South Arabia, ma jezistix bhala pajjiz ufficjali, u di fatti fuq il-karta tal-identita Maltija tal-esponenti, l-post tat-twelid huwa mnizzel bhala Saudi Arabia kif suppost;

7. Illi fid-dinja semantika kunjomijiet ma jintuzawx, minflok bhala kunjom, jintuza l-isem tal-missieri. B'hekk missier l-esponenti, ossia missier Yoseph, jismu Keleta Tesfaldet. Keleta jirrapprezenta isem missier l-esponenti Yoseph, u Tesfaldet jirrapprezenta isem in-nannu tal-esponenti Yoseph. In segwitu ta' dan, kunjom l-esponenti ghandu jkun solament Keleta u mhux Tesfaldet Keleta. *(Ghal finijiet ta' kjarezza qieghed jigi pprezenta kopja tal-passaport ta' Keleta Tesfaldet, missier l-esponenti Yoseph bhala DOK JTK 2);*

8. Illi fit-8 ta' Mejju tas-sena 2020, l-esponenti Yoseph kien ghamel affidavit fil-qorti, fejn hu spjega kif jintuzaw il-kunjomijiet f'pajjizu bhala attentat sabiex din il-kwistjoni tal-kunjom titranga qabel iz-zwieg tieghu lill-esponenti Deborah Tesfaldet Keleta nee Attard. *(Kopja tal-liema affidavit qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala DOK JTK3);*

9. Illi fis-6 ta' Gunju tas-sena 2020 iz-zewg esponenti zzewgu, *(certifikat hawn anness u mmarkat bhala DOK JTK4)* u permess ta' dan iz-zwieg, stante l-fatt li kunjom l-esponenti Yoseph kien miktub fuq dokumenti ufficjali bhala 'Tesfaldet Keleta', kunjom l-esponenti Deborah gie ukoll mnizzel bhala 'Tesfaldet Keleta' *(Kopji tal- Karti tal-Identita Maltija qieghdin jigu annessi u mmarkati bhala DOK JTK5 u JTK6);*

10. Illi fit-18 ta' Frar tas-sena 2021, ntbghatet korrispondenza permess tal-posta lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, kif ukoll lil Ufficcju tal-Kummissarju tar-Refugjati, *(kopji tal-ittri hawn annessi bhala DOK JTK7 u JTK8)* fejn l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku qal li din kienet kwistjoni tal-Ufficcju tal-Kummissarju tar-Refugjati, u fejn l-Ufficcju tal-Kummissarju tar-Refugjati ma rrispondiex;

11. Illi sussegwentament, ntbghatet email lill-Ufficcju tal-Kummissarju tar-Refugjati, fejn talbu li, sabiex tkun ikkunsidrata l-fatt li jitranga kunjom l-esponenti, l-istess esponenti jrid jipprezenta passaport jew karta tal-identita originali Eritrean tal-esponenti Yoseph Tesfaldet Keleta, u dan nonostante l-fatt li ahna spjegajnilhom li l-passaport original kien ntilef mill-esponenti. Illi in segwitu ta' dan l-esponenti rcevew tramite l-avukat taghhom itta mill- 'International Protection Agency' fejn juri li qed jirrifjutaw li jaghmlu dan l-arrangament minghajr ordni ta' din l-Onorabbli Qorti *(Ittra hawn annessa u mmarkata bhala DOK JTK9)*;

12. Illi b'hekk tali arrangementi fil-kunjom ma sarux, u huwa appuntu ghal din ir-raguni li kellha tinfetah din il-kawza;

13. Illi in sostenn ta' dak suespost, u sabiex l-esponenti jkomplu juru l-izball fil-kunjom, qieghed jigi anness kopja tal-karta tal-identita tal-Ingilterra ta' oht Yoseph, ossia ta' Feven Keleta, fejn jindika b'mod car illi kunjom Feven huwa 'Keleta' u isimha huwa 'Feven'; (*kopja tal-karta tal-identita tar-Renju Unit hawn annessa u mmarkata bhala DOK JTK10)*

14. Illi 'Keleta' huwa l-kunjom li r-rikorrenti Yoseph kien u ghadu konsistentament maghruf u msejjah bih;

15. Illi konsegwentament ir-rikorrenti jixtiequ jipprevalixxu rwiehhom mid-disposizzjonijiet tal-artiklu 253 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-kunjom li r-rikorrenti kien konsistentament msejjah bih, ossia 'Keleta', jigi rifless fid-dokumentazzjoni kollha ufficcjali fir-rigward taz-zewg esponenti, fl-Att taz-Zwieg tal-istess esponenti rregistrat fi hdan l-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, kif ukoll fi kwalunkwe dokumentazzjoni, ossia karta tal-identita u passaport, li jinhargu mill-istess Ufficcju tar-Registru Pubbliku;

16. Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha maghrufa lir-rikorrenti personalment;

Raguni tat-Talba

1. Illi stante l-fatt li z-zewg esponenti jafu illi kunjom l-esponenti Yoseph Tesfaldet Keleta, huwa nfatti solament 'Keleta', u in vista tal-fatt illi zzewgu, qed jibnu familja flimkien, u di fatti qed jistennew l-ewwel tarbija taghhom, l-istess esponenti jixtiequ illi uliedhom ikollkom l-opportunita li kunjomhom jkun korrett u b'hekk jkun solament 'Keleta' u dan billi din l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tordna lid-Direttur konvenut jaghmel annotazzjoni mehtiega sabiex din is-sitwazzjoni tigi rimedjata, minkejja li dan l-izball mhux imputabbli ghal imharrek Direttur, kellhom jsiru dawn il-proceduri.

Talbiet

Jghid ghalhekk l-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex, prevja kull dikjarazzjoni ohra xierqa u oppourtuna:

1. Tiddikjara illi l-kunjom ta' Yoseph Tesfaldet Keleta (KI:0041722A) u Deborah Tesfaldet Keleta (KI:0002585G) jigu emendati sabiex jitnehha 'Tesfaldet' u dan sabiex l-esponenti jigu maghrufa bhala 'Yoseph Keleta' u 'Deborah Keleta' fid-dokumenti kollha ufficjali li jinhargu mid-Direttur.

2. Tordna it-tibdil fid-data tat-twelid ta' l-esponenti Yoseph, u anki tordna illi dan it-tibdil, kemm fid-data tat-twelid, kif ukoll fil-kunjom taz-zewg rikorrenti jigi rifless fil-karta tal-identita, fil-passaport, fil-licenzja tas-sewqan u fid-dokumenti ufficjali kollha sabiex il-kunjom jinbidel minn 'Tesfaldet Keleta' ghal 'Keleta'.

3. Tordna li dan it-tibdil fil-kunjom taz-zewg rikorrenti jigi rifless f'kull att tal-Istat Civili relattivi tar-rikorrenti sabiex l-kunjom jinbidel minn 'Tesfaldet Keleta' ghal 'Keleta'.

4. Tordna lid-Direttur tar-registru pubbliku sabiex in segwitu jaffetwa tali korrezzjoni li jottempra ruhu mad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 256 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tordna li jinhargu mid-Direttur konvenut jaghmel dik l-annotazzjoni mehtiega fil-margini tal-Att taz-Zwieg bin-numru 833/2020, b'dan illi l-istess Yoseph u Deborah jigu registrati bil-kunjom ta' 'Keleta' u dan ai termini tal- artikolu 253 u 253(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-Direttur konvenut jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi primarjament għandu jingħad li ai termini tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi in vena preliminari, l-esponent jeċċepixxi illi l-azzjoni odjerna si tratta atti illi ġew ibbażati fuq informazzjoni pprovduta mill-Kummissarju tar-Refuġjati, u għalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma illi sabiex il-ġudizzju jkun wieħed integru, għandha tkun **kjamata in kawża l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali**, *qua* suċċessur fit-titolu tal-Kummissarju tar-Refuġjati;

3. Illi preliminarjament ukoll, huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob il-**korrezzjoni fl-okkju** ta' din il-kawża ai termini tal-Artikolu 175 ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sens illi l-attur 'Josef Tesfaldet Keleta' għandu jidher bhala 'Yosef Tesfaldet Keleta', u dan stante li l-isem li jappartjeni lilu skont id-dokumentazzjoni kollha disponibbli, inkluż skont id-dokument ta' residenza bin-numru 0041722A, li huwa d-dokument uffiċjali li qed jintuża għall-fini tal-okkju tal-kawża, huwa 'Yosef' u mhux 'Josef';

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

5. Illi fil-każ odjern ir-rikorrenti kkuntrattaw iż-żwieġ tagħhom f'Malta fis-6 ta' Ġunju tas-sena 2020, u skont l-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv 833/2020, vera kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP1', il-partijiet stqarrew illi "Aħna hawn taħt iffirmati niddikjaraw li nieħdu għalina t-tnejn il-kunjom

TESFALDET KELETA ta' parti waħda fiż-żwieġ" u li "l-isem tal-familja huwa TESFALDET KELETA u li għandu jkun il-kunjom tat-tfal tagħna".

6. Illi l-informazzjoni li tidher fl-Att taż-Żwieġ in kwistjoni kienet ikkonfermata mad-dokumenti kollha illi pprovdew ir-rikorrenti nfushom, ossia:

i. Id-dokumenti tal-intervista illi saret mill-Kummissarju għar-Refuġjati, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 2';
ii. Id-dokument tal-protezzjoni sussidjarja maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 3';
iii. Id-dokument ta' residenza bin-numru 41722A maħruġ mill-Awtoritajiet Maltin, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 4';
iv. Dikjarazzjoni ġuramentata dwar id-dettalji tar-rikorrent iffirmata mir-rikorrent innifsu, u pprovduta stante illi mhux prattiku għalih li jġib ċertifikat tat-twelid kif stabbilit bil-liġi - kopja tad-dikjarazzjoni ġuramentata in kwistjoni tinsab hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 5';
v. L-applikazzjoni għall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet taż-żwieġ għall-finijiet tal-artikolu 7(4) tal-Att dwar iż-Żwieġ, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 6';
vi. Dikjarazzjoni illi l-istess Yoseph Tesfaldet Keleta ffirma għall-finijiet tal-Artikolu 7(5) tal-Att dwar iż-Żwieġ, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 7'; u
vii. It-Tnidijiet taż-Żwieġ li sar bejn ir-rikorrenti, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 8';

7. Illi in vista tal-premess, l-esponent umilment jirrileva illi għaldaqstant ma jirriżultax li kien effettivament sar xi żball jew li saret xi ommissjoni minnu;

8. Illi d-Direttur intimat diġa' kellu okkażjoni jispjega lir-rikorrenti illi għall-finijiet tad-dokumentazzjoni maħruġa minnu, fil-każ tar-rikorrent Yoseph Tesfaldet Keleta illi jgawdi minn protezzjoni sussidjarja, kellu jistrieħ fuq id-dokumentazzjoni maħruġa mill-Kummissarju għar-Refuġjati, illum l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, u li għalhekk fl-Att taż-Żwieġ huwa rriproduċa *ad verbatim* id-dettalji li tniżżlu fuq id-dokumenti li nħarġu mill-Kummissarju għar-Refuġjati;

9. Illi d-Direttur intimat informa wkoll lir-rikorrenti illi tibdiliet fir-Reġistri li jinżammu minnu jistgħu isiru biss permezz ta' annotazzjoni fuq l-atti tal-istat ċivili kkonċernati, li jistgħu ikunu ordnati mill-Qorti wara li ssir talba ġudizzjarja f'dan ir-rigward;

10. Illi in vista tal-premess, u tenut kont tal-fatt illi l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali stqarret illi ma tistax temenda l-informazzjoni in kwistjoni jekk ma jkunx hemm digriet tal-Qorti f'dan ir-rigward – vide Dok. JTK9 anness mar-rikors promotur, l-esponent jissottometti illi fir-rigward tal-ewwel, tar-raba' u tal-ħames talba attriċi, huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

11. Illi f'każ illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, l-esponent huwa tal-umli fehma illi t-tibdil għandu jkun ordnat kemm fil-kunjom illi l-partijiet fiż-żwieġ adottaw, kif ukoll f'dak li ddikjaraw illi għandu jkun l-isem tal-familja, stante illi dan tal-

aħħar eventwalment ser ikun il-kunjom illi jingħata lit-tfal tal-partijiet;

12. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-ewwel parti tat-tieni talba u fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, kemm fil-kunjom tar-rikorrenti kif ukoll fid-data tat-twelid tar-rikorrent Yoseph Tesfaldet Keleta, ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

13. Illi f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet relattivi ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent umilment jirrileva illi in kwantu għat-tieni talba attriċi kif dedotta mir-rikors promotur, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir biss fl-atti tal-istat ċivili relattivi u mhux f'dokumenti uffiċjali bħal passaporti, karti tal-identita`, u liċenzji tas-sewqan;

14. Illi bla ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

15. Illi finalment, bil-għan illi jkun hemm kjarezza u uniformita` fid-dokumentazzjoni kollha li tikkonċerna lir-rikorrenti u lill-minuri illi għad jitwieldu, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tieħu konjizzjoni tad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u timplimentaha, stante illi d-dokumentazzjoni uffiċjali relattiva maħruġa minnha tkun riflessa f'dik maħruġa mill-Aġenzija Identity Malta;

16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi, li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'.

**Ikkunsidrat;**

Rat l-affidavits, intervista inizjali, kopja tal-karti tal-identita', kopja tal-passaport ta' missier ir-rikorrenti Keleta Tesfaldet, certifikat taz-zwieg, ittri, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Lulju, 2021 in vista tat-tielet eccezzjoni tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku r-rikorrenti talbu korrezzjoni fir-rikors promotur sabiex l-isem Joseph jinbidel ghal dak ta' Yoseph, rat li l-intimat irrimetta ruhhu u rat li l-Qorti seduta stante laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni mitluba;

Rat illi saret id-debita pubbliкazzjoni datata 16 ta' Lulju, 2021 li kopja taghha giet esebita fl-atti a fol. 67 tal-process;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat, partikolarment il-karta tal-identita' mahruga mir-Renju Unit ta' Fever Keleta – oht ir-rikorrenti Yoseph Tesfaldet Keleta a fol. 28 tal-process;

Rat l-affidavits esebiti fl-atti b'mod partikolari dak ta' Samuel Tesfamariam Tewelde a fol. 37 tal-process fejn xehed li huwa ilu jaf lir-rikorrenti Joseph Keleta mit-tfulija fejn kienu jghixu fl-istess rahal u kienu mhux biss hbieb pero' kienu studenti fl-istess klassi. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrenti effettivament minn dejjem kien maghruf bhala Joseph Keleta u spjega wkoll is-sitwazzjoni li fl-Eritrea ma jaghmlux uzu ta' kunjomijiet u konsegwentement hawn Malta jkun hemm konfuzjoni minhabba f'hekk;

Illi din il-Qorti tqis li effettivament it-talba tar-rikorrenti sabiex ikun hemm korrezzjoni fil-kunjom tikkoncentra fuq kancellament ta' kelma u mhux korrezzjoni vera u proprja fil-kunjom. Il-Qorti wara li ezaminat id-dokumenti kollha fl-atti, tqis li t-talba kemm ta' korrezzjoni fil-kunjom, kif ukoll dik fid-data tat-twelid li giet konfermata bil-gurament fir-rikors guramentat, hija wahda gustifikata, anke fl-ahjar interess tas-socjeta' in generali sabiex il-kunjom u d-data tat-twelid jkunu jirriflettu r-realta' u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' limitatament l-istess talbiet u dan bil-mod kif isegwi.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet preliminari tad-Direttur intimat bhala sorvolati;

2. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz.

3. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-kunjom ta' Yoseph Tesfaldet Keleta (KI:0041722A) u Deborah Tesfaldet Keleta (KI:0002585G) din tal-ahhar limitatament mid-data taz-zwieg taghha lir-rikorrent, jigu emendati sabiex jitnehha 'Tesfaldet' u dan sabiex l-esponenti jigu maghrufa bhala 'Yoseph Keleta' u 'Deborah Keleta' fid-dokumenti kollha ufficjali li jinhargu mid-Direttur.

4. Tilqa' limitatament it-tieni talba u tordna it-tibdil fid-data tat-twelid ta' l-esponenti Yoseph kif ukoll it-tibdil fil-kunjom taz-zewg rikorrenti fid-dokumenti kollha fil-poter tal-intimat Direttur sabiex tigi ndikata ghal dik tas-16 ta' Settembru, 1981 u tichad fil-kumplament stante li d-dokumenti msemmija m'humiex fil-poter tal-intimat.

5. Tilqa' it-tielet talba u tordna li dan it-tibdil fil-kunjom jigi rifless f'kull att tal-Istat Civili relattivi tar-rikorrent Yoseph Tesfaldet Keleta sabiex l-kunjom jinbidel minn 'Tesfaldet Keleta' ghal 'Keleta' filwaqt li tordna li dan it-tibdil fil-kunjom jigi rifless fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti Deborah Tesfaldet Keleta mal-istess rikorrent Yoseph Tesfaldet Keleta b'dana li ghandu jigi notat fuq l-istess Att taz-Zwieg li l-kunjom li l-partijiet ghazlu bhala l-kunjom tal-familja huwa dak biss ta' 'Keleta';

6. Tilqa' ir-raba' talba u tordna lill-intimat Direttur tar-registru pubbliku sabiex in segwitu jaffetwa tali korrezzjoni li jottempra ruhu mad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 256 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Tilqa' il-hames talba u tordna li d-Direttur intimat jaghmel l-annotazzjonijiet mehtiega fil-margini tal-Att taz-Zwieg bin-numru 833/2020, b'dan illi l-istess Yoseph u Deborah jigu registrati bil-

kunjom biss ta' 'Keleta' u dan ai termini tal-Artikolu 253 u 253(2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Settembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Settembru, 2021**